TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023**

**Talba Nru: CCT197/22/DS**

**Anton Mallia**

**Vs**

**Ponte Ferries**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2022 fejn talab illi jiġi rimborsat l-ammont ta' €484.75 ghal *hotel* u ikel illi kellu jħallas għal ħamsa minn nies meta s-soċjeta' intimata Ponte Ferries ħassret il-vjaġġ li kellu jsir fil-21 ta' Settembru, 2022.

Ra illi s-soċjeta' ma ġietx notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ għalkemm saru zewġ tentattivi fit-13 ta' Marzu, 2023 u fil-21 ta' Marzu, 2023.

Ra ukoll illi meta ssejħet il-kawża fis-17 ta' April, 2023 ma deher ħadd u t-Tribunal iddifferixxa s-smiegħ ghat-22 ta' Mejju, 2023 għan-notifika tal-intimat.

Ra illi l-attur ma għamilx tentattivi ulterjuri ta' notifika għalkemm huwa kellu kull faċilita' illi jagħmel dan.

Ra illi l-attur m'attendiex għas-seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

## Ikkunsidra

Illi mill-atti tal-kawża jidher illi l-attur m'għadx għandu nteress f'din il-kawża għaliex minn barra illi ma attendiex aktar minn darba lanqas ippersista bil-proċeduri għan-notifika tal-intimat.

TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

## Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ra regolament 12.2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 – Regoli Dwar it-Tribunal għal-Talbiet tal-Konsumaturi, dan it-Tribunal jiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA  VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070.  FAX: (+356) 21239888